## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Lulju 2020**

**Talba Numru 263/2019SFJ**

***E&L Enterprises Limited (C45272)***
***vs.***
***Kurt Galea Pace (243667M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

*"1. Illi s-soċjetà attriċi wettqet diversi xogħlijiet lill-konvenut fosthom disinn, manifattura, blasting u powder coating ta' table base, liema xogħlijiet ġew reżi u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu tal-istess konvenut u dan kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. Illi x-xogħlijiet reżi mis-soċjetà attriċi lill-konvenut jammonta għal elf u mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,198.88);*

*3. Illi l-konvenut għalkemm interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut baqa' inadempjenti;*

*4. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi elf u mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,198.88).*

> *Bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv."*

Ra li l-konvenut ġie innotifikat wara l-ħinijiet legali bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ nhar it-13 ta' Jannar 2020 kif jidher mir-riferta li tinsab a fol. 11 tal-proċess.

Ra li fl-24 ta' Jannar 2020 il-konvenut ippreżenta Risposta qasira li fiha qal li t-talbiet tas-soċjetà attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u li għalhekk, ebda ammont ma kien dovut lill-istess soċjetà attriċi.

Sema' l-provi, qara d-dokumentazzjoni relattiva, sema' t-trattazzjoni magħmula mid-difensur tas-soċjetà attriċi u ra li l-kawża tħalliet għat-13 ta' Lulju 2020 għas-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Qabel xejn, it-Tribunal josserva li wara li ppreżenta r-Risposta, il-konvenut naqas li jidher għas-seduti tas-27 ta' Jannar 2020, tat-12 ta' Frar 2020, tas-26 ta' Frar 2020 u 8 ta' Ġunju 2020. Hawn, is-seduti tat-18 ta' Marzu 2020 u tal-11 ta' Mejju 2020 mhux qed jiġu magħduda stante s-sitwazzjoni li kien għaddej minnha l-pajjiż relattivament għall-marda infettiva *COVID-19*. Dan ifisser li wara li ppreżenta r-Risposta, il-konvenut naqas li jidher quddiem dan it-Tribunal għal erba' seduti.

Huwa għalhekk evidentissimu li għalkemm il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, huwa ma ressaq ebda prova sabiex isostni l-kontenut tar-Risposta.

It-Tribunal sema' x-xhieda tas-Sur Joseph Camilleri (237173M), direttur fi ħdan is-soċjetà attriċi, u ra d-dokumentazzjoni ippreżentata minnu tul id-depożizzjoni. Camilleri xehed li l-konvenut kien iffirma *works order* (dokument JC1), korrispondenza bejn il-partijiet dwar id-*drawings* (dokumenti JC2, JC3 u JC4). Camilleri ikkonferma li din il-korrispondenza kienet tindika li l-konvenut aċċetta d-*drawings* li saru.

Inoltre, Camilleri xehed li meta nġabar ix-xogħol, il-konvenut iffirma d-*delivery note* li kien fiha dikjarazzjoni li permezz tagħha l-konvenut iddikjara li kien irċieva kollox u li kollox kien f'kundizzjoni tajba. Id-*delivery note* ġiet esebita bħala dokument JC5. Camilleri għalaq billi kkonferma li sad-data tad-depożizzjoni tiegħu, jiġifieri sat-12 ta' Frar 2020, is-soċjetà attriċi ma rċeviet ebda pagament mingħand il-konvenut.

It-Tribunal osserva li l-*e-mails* esebiti jikkonfermaw li l-konvenut kien dak li inkariga lis-soċjetà attriċi sabiex jitwettqu x-xogħlijiet relattivi. F'komunikazzjoni datata 30 ta' Marzu 2019 (fol. 20), il-konvenut, fuq talba tas-soċjetà attriċi, ikkonferma l-*Works Order 6511* u bagħat lura kopja ffirmata. Huwa saħansitra qal lil Francesca Darmanin (*accounts clerk* fi ħdan is-soċjetà attriċi) li ried jiltaqa' mal-ħaddiema tas-soċjetà attriċi qabel tibda l-manifattura.

Inoltre, f'*e-mail* datata 28 ta' Marzu 2019 (fol. 22), wara li ġie mistoqsi minn Edward Camilleri (*commercial manager* fi ħdan is-soċjetà attriċi), il-konvenut qal li kien jaqbel mal-*quotation* u li kien kunfidenti li s-soċjetà attriċi kienet ser tagħmel xogħol tajjeb.

Jidher ukoll li f'korrispondenza datata 16 u 18 ta' April 2019 (fol. 25), il-konvenut saħansitra issuġġerixxa jew addirittura għamel huwa stess korrezzjonijiet f'xi *drawings* mibgħuta lilu mis-soċjetà attriċi.

Il-korrispondenza li tinsab a fol. 30 sa fol. 33 tal-proċess tindika *e-mails* skambjati f'perjodu ta' ftit jiem li juru ċar li s-soċjetà attriċi kienet fil-proċess li twettaq ix-xogħol ordnat mill-konvenut u li l-istess konvenut kien qiegħed jitlob *updates* kontinwi u jagħfas sabiex ix-xogħol isir malajr.

Il-provi tas-soċjetà attriċi, li wara kollox huma l-uniċi provi li jeżistu f'din il-kawża, juru li x-xogħol sar mis-soċjetà attriċi u li l-konvenut kien intimament involut fl-istadju tal-ippjanar. Ma jidher li hemm xejn li jista' jissostanzja l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Jirriżulta wkoll li l-ammonti indikati fil-fatturi ippreżentati lit-Tribunal jaqblu mal-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba.

Għalhekk, ma jidhirx li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,198.88) kif mitlub fl-Avviż tat-Talba bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Billi ma ġiet ippreżentata ebda prova li ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju, it-Tribunal huwa kostrett jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż konnessi mal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din l-azzjoni jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**